MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 68/2001/1

**Mary Camilleri**

**-vs-**

**Angelo Camilleri**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici wara li ppremettiet illi l-kontendenti zzewgu fin-Nadur, Ghawdex, fil-wiehed u tletin (31) ta’ Lulju elf disa’ mija u tnejn u tmenin (1982), u miz-zwieg taghhom twieldu zewgt ulied u cioe’ Abigail li twieldet fit-28 ta’ April 1985 u Michelle Anne li twieldet fl-14 ta’ Ottubru 1993.

Illi l-hajja matrimonjali ta’ bejn il-partijiet m’ghadhiex iktar possibbli u z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment u dan minhabba inkompatibilita’ ta’ karattru, adulterju flagranti, swat, ingurji gravi, sevizzi, eccessi, mohqrija,

theddid u vjolenza persistenti ta' kull xorta, ipperpetrati mill-konvenut a dannu ta' l-attrici u ta' wliedhom u dan kif jigi dettaljatment ippruvat fil-kors tal-kawza.

U illi l-attrici trid li tigi ppronunzjata s-separazzjoni ta' bejniethom filwaqt li jigu applikati fir-rigward tal-konvenut il-kominazzjonijiet stabbiliti fl-artikoli 48 sa 51 tal-Kodici Civili Kap 16, u kif ukoll li tigi awtorizzata sabiex tibqa' tghix fid-dar matrimonjali flimkien ma' wliedha minuri ad eskluzjoni tal-konvenut.

Illi l-konvenut ghamel hafna dejn u dan ghamlu minghajr il-kunsens u konoxxenza ta' l-attrici, liema dejn ma sarx fl-interess tal-komunjoni ta' l-akkwisti jew biex igib 'il quddiem l-istess komunjoni jew ghall-htigijiet tal-familja, liema htigijiet zewgha qatt ma haseb fihom jew ikkontribwixxa jew ghejnha bil-mezzi tieghu anzi kisser u gab rovina shiha fil-familja.

Illi b'dan id-dejn zewgha m'ghabbiex biss il-beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti izda wkoll ghabba beni parafernali ta' l-attrici, minkejja li ghal dan id-dejn ma tahti xejn l-attrici.

Illi b'digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja tat-28 ta' Frar 2001 [Dig. 28/01], l-attrici giet awtorizzata tipprocedi bil-kawza ta' separazzjoni.

Talbet ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:

1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan ghar-ragunijiet fuq imsemmija u ghar-ragunijiet ohra li jirrizultaw jew li jistghu jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

2. konsegwentement tiddikjara li l-konvenut ddekada mid-drittijiet kif kontemplati fl-artikoli tmienja u erbghin (48) sa wiehed u hamsin (51) tal-Kodici Civili Kap 16.

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejn il-kontendenti.

4. Tillikwida l-istess komunjoni u tiddividi skond il-ligi, dejjem salv dak li ntalab fuq il-kominazzjonijiet applikabbli fil-konfront tal-konvenuta skond il-ligi.

5. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-dejn kollu li ghamel minghajr il-kunsens u konoxxenza ta' martu.

6. Tillikwida d-dejn kollu li sar mill-konvenut kif ukoll id-danni li gew sofferti mill-attrici u wliedha minuri minhabba d-dejn li sar mill-konvenut.

7. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dan id-dejn kollu, kif ukoll kull dejn li ghamel hu u li l-attrici tista' tigi kostretta li thallas, kif ukoll d-danni li jigu hekk likwidati.

8. Tafda l-kura u l-kustodja ta' l-ulied minuri f'idejn l-attur.

9. Tiffissa u tistabilixxi dik ir-retta alimentari li ghandha tithallas mill-konvenut lill-attrici ghaliha u ghaz-zewg uliedhom minuri Abigail u Michelle Anne;

10. Tawtorizza lill-attrici sabiex flimkien maz-zewg ulied minuri tibqa' tghix fid-dar matrimonjali bla numru u bla isem mibnija fuq plot numru ghoxrin (20), Triq il-Qala, Nadur, Ghawdex ad eskluzjoni tal-konvenut;

11. Tordna r-registrazzjoni tas-sentenza tas-separazzjoni fir-Registru Pubbliku ai termini ta' l-artikolu 62A tal-Kap 16.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri quddiem il-Qorti fil-kompetenza taghha bhala Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja.

Il-konvenut huwa mharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsab ingunt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha flimkien mal-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. illi huwa ma jopponix ghas-separazzjoni personali. Madanakollu r-ragunijiet ghas-separazzjoni ma humiex dawk allegati mill-attrici. Ghall-kuntrarju z-zwieg tkisser irrimedjabilment ghal ragunijiet imputabbli lill-attrici, b'mod specjali minhabba, adulterju, sevizzi u l-istat partikolari u eccentriku taghha. Konsegwentement hija l-attrici illi ghandha tiddekadi mid-drittijiet kontemplati fl-artikoli tmienja u erbghin (48) sa wiehed u hamsin (51) tal-Kodici Civili Kap 16.

2. illi d-dejn kollu li sar matul iz-zwieg sar ghall-beneficcju esklussiv tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Kull meta saru djun dawn dejjem saru ghall-gid tal-familja, u kieku biss kieku l-attrici riedet tattakka xi att li sar minghajr il-kunsens taghha u mhux ghall-gid tal-komunjoni ta' l-akkwisti, setghet taghmel dan ai termini tal-ligi li tirregola l-komunjoni ta' l-akkwisti, u fit-termini hemm stipulati. Barra minn hekk id-djun kollha ta' amministrazzjoni extraordinarja saru bil-firma u bil-kunsens ta' l-istess attrici.

3. Illi ma huwiex minnu li l-attrici sofriet xi danni minhabba d-dejn li sar. Ghall-kuntrarju meta n-negozju tal-familja kien fuq binarju tajjeb l-istess attrici gawdiet minn dak il-fatt. Issa li n-negozju ma kienx daqshekk tajjeb, l-attrici m'ghandhiex tithalla tivvanta pretensjonijiet fiergha u li l-anqas jaghmlu sens legali bhal dawn.

4. Illi l-eccipjenti m'ghandux ihallas manteniment ghal martu stante illi l-istess tista' tmantni lilha nnifisha. Min-naha l-ohra l-manteniment ghall-ulied minuri ghandha tkun skond il-mezzi ta' kull wahda mill-partijiet. Barra minn hekk il-wild il-kbira illum tahdem u taqla' l-paga taghha.

5. Illi rigward it-talba numru ghaxra d-dar matrimonjali giet kostruwita fiz-zwieg u ghalhekk l-eccipjenti ghandu dritt ghal nofs il-valur tal-kostruzzjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu flimkien mal-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal taghha tas-26 ta' Ottubru 2001 fejn irrimettiet il-kawza lill-Assistent Gudizzjarju biex jikkompila l-provi;

Ezaminat il-provi;

Rat ir-rikorsi tal-konvenut a folio 99 u folio 100 u r-risposta relattiva.

Rat id-digrieti relattivi taghha;

Rat il-verbal folio 111 u r-rikors relattiv ta' l-attrici bit-talba ghan-nomina ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-konvenut, zewgha, li kien siefer.

Rat id-digriet taghha folio 113, l-ispedizzjoni tal-bandi, u d-digriet relattiv taghha folio 115;

Rat il-verbal tal-25 ta' Mejju 2004 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi z-zwieg li tieghu l-attrici qeghdha ssaqsi s-separazzjoni minn ma' zewgha gie celebrat fil-31 ta' Lulju 1982 f'Ghawdex. Jirrizulta li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt wild, it-tnejn bniet, wahda li illum hija maggorenni u l-ohra li ghadha taht l-eta u bi bzonnijiet specjali. Jirrizulta wkoll mill-provi li r-relazzjoni matrimonjali tal-kontendenti kienet 'normali' sas-sena 1993 fl-liema sena l-konvenut telaq, ostensibilment biex jahdem, lejn Malta fejn dam cirka hames snin b'visiti ntermittenti u sporadici lill-familja

tieghu f'Ghawdex. Waqt li kien Malta kellu relazzjoni ma' mara ohra u anka kellu tarbija minn dina r-relazzjoni. Sussegwentement, kien irritorna lura Ghawdex wara li l-attrici martu hafritlu u baqa' jghix id-dar matrimonjali ghal cirka sentejn meta rega' telaq u mar jghix ma' mara ohra in-Nadur, Ghawdex. Illum, inghad, li huwa msiefer possibilment permanentement.

Illi l-provi in atti ftit li xejn ihallu dubbju li l-konvenut gie passibbli kontra martu l-attrici ta' adulterju u dana almenu f'zewg okkazzjonijiet fejn il-provi huma skjacanti kontra tieghu, u sahansitra okkazzjoni wahda ammessa minnu stess, ossija dik mil-liema kellu tifla ohra. Apparti dan hemm provi bizzejjed sabiex din il-Qorti tqis li l-konvenut gie res hati lejn l-attrici wkoll ta' sevizzi, mohqrija, theddid u offizi gravi. Illum, issopraveniet kawza ohra, dik tal-abbandun.

Issa jinsab pruvat li d-dar matrimonjali nbniet waqt iz-zwieg fuq art li kienet parafernali ta' martu akkwistata mill-poter ta' Giuseppa armla ta' Michele Bigeni u ohrajn b'kuntratt in atti Nutar Giuseppe Cauchi tal-10 ta' Lulju 1980, jigifieri qabel ma zzewget. Il-provi jindikaw pero' li sal-lum, aktar minn ghoxrin sena wara, d-dar ghadha fi stat mhux abitabbli ghal ta' lanqas ghal dak li hu it-tieni pjan. L-attrici u z-zewg uliedha fil-fatt jghixu billi jinqdew mis-sotterran li hemm f'dina l-abitazzjoni u dana malgrad li l-konvenut, li huwa fix-xoghol tal-bini, anka rranga d-dar tal-habiba tieghu waqt is-soggorn tieghu f'Malta, kif stqarret hija stess.

Intant ma jirrizultax jew ahjar ma giex dimostrat sodisfacjentement mod iehor li hemm xi assi ohra ezistenti ghajr dak li l-Qorti fehmet hija l-ftit ghamara, li mhux eskluz sofriet anka hsara kkagunata mill-konvenut, u xi vettura li mhix fi stat funzjonanti. F'dan il-kuntest il-Qorti qeghdha tuza l-conditional stante illi fix-xhieda tieghu l-konvenut jistqarr li kien xtara ghad ta' proprjetajiet. Isemmi appartament in-Nadur b'zewg garaxijiet mieghu, appartament Marsalforn, u garaxx f'Albert Town, il-Marsa. Stqarr li dawn xtarhom bejn is-sena 1987 u 1992, jigifieri, hames snin fuq iz-zwieg u

appena qabel ma’ telaq u mar Malta. Afferma wkoll f’hin minnhom fl-affidavit tieghu li aktar ma beda jespandi fix-xoghol aktar beda jkollu bzonnijiet finanzjarji. U hawnhekk id-domanda tigi spontanja: allura beda jespandi a skapitu tal-familja tieghu tant li ma sab lanqas hin jew mezzi biex ilesti r-residenza fejn kienet tghix familtu? Ir-risposta ghal dan il-kwesit hi fil-fehma ta’ din il-Qorti affermattiva. Din il-Qorti ftit ghandha dubbju li l-konvenut wera ruhu egoist u nsensittiv ghall-ahhar ghal dak li kienu realment il-bzonnijiet ta’ martu u uliedu; sa anke dahal f’ammont konsiderevoli ta’ dejn li in parti ser ikollhom jigu rinfaccjati bihom martu u uliedu. X’sar minnha din il-proprjeta’ jew anka jekk qatt ezistiet jew ghadha tezisti baqa’ mistur. Kulma jghid il-konvenut fir-rigward hu li kien kostrett ibiegh xi proprjeta’ biex jaghmel tajjeb ghal certu xoghol li ma kienx irnexxa.

Illi wara li ezaminat il-provi migbura in atti l-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li ghandha taccetta bhala li gew pruvati l-maggoranza tat-talbiet attrici u dana anka fuq bazi ta’ l-aktar probabbli u verosimili. Hi wkoll propensa li temmen li z-zwieg ghall-konvenut kien biss ghall-konvenjenza tieghu bl-inferenzi mhux biss ghall-hajja kondotta minnu u l-atteggjament negattiv lejn il-familja tieghu izda anka mis-self li huwa ghamel ma’ certu Carmelo Azzopardi msemmi l-ewwel wiehed fl-inkartament folio 52 fejn kien induca lill-attrici li taghmel tajjeb ghalih bl-unika proprjeta’ taghha.

Illi in propositu ghad-dejn u t-talba relattiva, li hi s-seba’ wahda, l-Qorti hi tal-fehma li tista’ takkorda din it-talba relattivament biss ghal dawk il-kawzi li sal-lum gew decizi, eskluz ghalhekk dak d-dejn li jidher elenkat bhala l-ewwel fuq l-lista citata, u li ghalih gja saret riferenza aktar ‘il fuq, pero’, li fil-konfront tieghu l-Qorti ser tirriseva kull dritt spettanti lill-attrici ‘si et quatenus’. Mill-bqija hi tal-fehma li ghal dak id-dejn li gja jinsab kanonizzat b’sentenzi ghandu jirrizulta li s-sentenzi gew kollha ottenuti kontra l-konvenut personalment u sija fuq l-iskorta ta’ l-Artikolu 1324 tal-Kap 16 u fuq bazi tal-probabbli kif emergenti mill-provi, fil-waqt li minn naha wahda ghandu jirrizulta li d-dejn gie kkrejat fuq atti normali ta’ gestjoni tal-kummerc tal-konvenut, fuq in-naha l-ohra ma jirrizultax li d-dejn in propositu sar bil-

kunsens ta’ l-attrici u fl-interessi tal-familja u f’dan is-sens qeghdha tilqa’ din is-seba’ talba u thalli b’daqstant impregudikat kull dritt tal-attrici rigward dejn allegat li fuqu hemm kawzi li ghadhom pendenti u tirriservalha d-drittijiet kollha spettanti lilha bil-ligi rigward l-ewwel citat dejn.

Mill-kumplament jidrilha li hemm provi bizzejjed li tapplika kontra l-konvenut l-Artikolu 48 tal-Kap 16 fl-intier tieghu b’daqstant illi tiddikjara illi l-konvenut iddekada:

(1) mill-jeddijiet imsemmijin fl-Artikoli 631, 633, 633A, 825, 826 u 827 tal-istess Kodici;

(2) minn nofs sehmu ta’ l-akkwisti billi tiddikjara illi dawn l-akkwisti saru bl-aktar jekk mhux wkoll interament bil-hidma tal-attrici.

Ghaldaqstant u soggett ghal dak li ntqal hawn fuq qeghdha tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talbiet tal-attrici, salv ghal dak li ntqal rigward it-talba numru seba’, bl-ispejjez kollha kontra il-konvenut u b’dan li tordna r-registrazzjoni ta’ din is-sentenza fir-Registru Pubbliku u dana ai fini tat-talba numru 11 ghal-liema registrazzjoni l-ispejjez ikunu a karigu tal-attrici.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------